# Punti mill-Istorja tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni

Kitba ta' Neil Zammit



*Il-Fundatur*
*Mro. Vincenzo Camilleri*

- Il-fundatur tal-Banda L-Unjoni huwa s-Surmast Vincenzo Camilleri, li bl-għajnuna tat-tfal tiegħu Nerik, Gavinu, Emanuele u Ferdinando waqqaf l-ewwel Soċjetà Mużikali ġewwa Ħal Luqa fl-**1880**. Ta' min wieħed isemmi li fl-arkivju mużikali rikk li għandha l-banda, wieħed isib diversi xogħlijiet miktuba mill-familja Camilleri, fosthom il-*Marcia l'Unione – 1880* tas-Surmast V. Camilleri.
- Fl-**1882** ġiet irregalata bandalora bajda bl-arma tas-Soċjetà mill-istess familja Camilleri.
- Il-banda kienet lesta biex iddoqq fil-festa titulari ta' Sant'Andrija Appostlu ta' l-**1883**, iżda l-permessi nżammu mill-għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi. Għalhekk il-banda daqqet għall-ewwel darba fil-festa tal-Kunċizzjoni ta' l-istess sena nhar il-Ħadd 9 ta' Diċembru.
- F'din l-istess sena saret elezzjoni ġenerali u għall-kariga ta' president ikkontestaw Mastru Nikol Sammut u s-Sur Giuseppe Micallef. Din intrebħet minn Sammut, u għalhekk is-Sur



*Il-banda fl-1885*

Micallef iddecieda li jwaqqaf każin ieħor bl-isem Sant'Andrija (ara artiklu f'paġna 55).

- Fl-**1884** il-Banda L-Unjoni daqqet fil-festa tal-Vitorja ġewwa l-Isla.
- L-istatwa artistika ta' l-anġlu żżanżnet fl-**1885**. Din hi xogħol l-istatwarju magħruf Karlu Darmanin u tippreżenta l-martirju u l-glorja ta' Sant'Andrija.
- Fl-**1886** il-Banda L-Unjoni daqqet fix-xatt ta' Tas-Sliema għall-inawgurazzjoni tal-Banda ġdida *Cavalieri di Malta* mwaqqfa minn Ferdinando, Gavino u Emmanuele Camilleri.
- F'għeluq it-tmien ċentinarju mit-twaqqif tal-parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu fl-**1890**, il-Baned L-Unjoni ta' Ħal Luqa u Duke of Edinburgh Birgu (illum Banda San Lawrenz), ingħaqdu flimkien taħt it-tmexxija ta' Mro. Gaetano Grech u daqqew programm mużikali mill-aqwa fil-pjazza tal-Birgu.
- Fl-**1891** il-Banda L-Unjoni ġiet mistiedna sabiex iddoqq fil-festa titulari ta' Marija Addolorata ġewwa Birżebbuġa.
- Nhar is-16 ta' Lulju ta' l-**1895**, il-Banda L-Unjoni esegwiet żewġ programmi mużikali fi Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu.
- Fl-**1897** il-banda ħadet sehem f'korteo li sar ġewwa l-Belt Valletta bħala parti mill-festi tad-*Diamond Jubilee* tar-Reġina Victoria.
  F'din l-istess sena l-Banda L-Unjoni akkumpanjat il-katavru tas-Surmast Vincenzo Camilleri, fundatur ta' l-istess banda, fil-funeral tiegħu minn Triq Sant'Andrija ġewwa l-Belt Valletta tal-Portu Salvu fejn saret il-quddiesa funebri għas-suffraġju ta' ruħu.
- Wara l-mewt tar-Reġina Victoria, ir-Re Dwardu VII ġie Malta fl-**1903** sabiex ipoġġi l-ewwel ġebla tal-*breakwater*. Mro. G. Grech għaqqad *massed band* komposta mill-elementi tal-banda tattieni Battaljun tar-Reġiment Malti tal-Militia u l-Banda L-Unjoni ta' Ħal Luqa, peress li dan kien surmast taż-żewġ baned imsemmija.
- Fl-**1904** inħatar is-Surmast Orlando Crescimanno bħala direttur tal-banda.
- Fil-Ġimgħa l-Kbira ta' l-**1908**, il-Banda L-Unjoni daqqet għall-ewwel darba żewġ innijiet sagri – *Stava Maria Dolente* u *La Croce*, mill-pinna tas-Surmast Direttur O. Crescimanno.
- Fl-**1912**, Mro. Emanuele Spiteri nħatar bħala surmast direttur tal-Filarmonika L-Unjoni.
- Fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjnali ta' l-**1913**, il-Banda L-Unjoni daqqet ġewwa l-Floriana.
- Okkażjoni speċjali għar-raħal ta' Ħal Luqa kienet meta reġgħet waslet mill-ġdid l-istatwa titulari ta' l-Appostlu Sant'Andrija wara li ġiet irrestawrata mill-magħruf Abraham Gatt fl-**1913**. Mal-wasla ta' l-istatwa, il-Banda L-Unjoni ferħet il-folla preżenti b'daqq ta' marċi ferrieħa.
- Fl-**1917** iżżanżnet l-istatwa tal-Gran Mastru La Vallette, xogħol Karmnu Mallia minn Ħal Qormi. Din l-istatwa għadha tista' tiġi titgawda f'waħda mis-swali prinċipali tal-każin.
- Bandalora artistika fuq sfond aħmar ġiet imżanżna fl-**1921** sabiex tintuża mal-marċ trijonfali li kienet tagħmel il-banda.
- Il-Kumitat tal-Festi tal-Bambina ta' l-Isla rregala standard bl-emblema tal-Belt Senglea lis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni fl-**1923**. Din il-preżentazzjoni seħħet fil-pjazza ta' Ħal Luqa bħala ġest ta' ħbiberija wara 40 sena ta' servizz mużikali ġewwa l-Isla fl-istess festa tal-




*Il-banda fl-1920*

Bambina. F'din l-istess sena ġiet imżanżna uniformi ġdida u sar programm mużikali fil-pjazza tar-raħal għall-istess okkażjoni.

- Fl-**1925** ġew imżanżna ċertu tal-ġewż maħdum minn A. Cassar u C. Barbara, kif ukoll standard aħmar bi tliet armi fuq disinn tal-magħruf Abraham Gatt. Dan għadhom jinżammu b'għożża kbira fil-każin f'waħda mis-swali prinċipali.
- **1930 -** Fl-aħħar Ħadd ta' Awissu saret il-festa tal-50 sena mit-twaqqif tal-Banda L-Unjoni. Dakinhar iżżanżnet bandiera ġdida b'żewġ armi, li baqgħet magħrufa bħala *t-tabella*.
- Fl-**1935** fl-okkażjoni tas-*Silver Jubilee* tar-Re Ġorġ V, il-Banda L-Unjoni ħadet sehem fil-festi b'daqq ta' marċi ferrieħa u programmi mużikali.
- Fl-**1937** tħabbret il-mewt tas-Surmast Salvatore Mallia R.M.A. li kien ukoll surmast tal-Banda L-Unjoni. Il-banda sellmet lil dan is-surmast b'daqq ta' marċi funebri mal-Banda L'Isle Adam tar-Rabat. F'din l-istess sena, Mro. Giuseppe Casapinta nħatar bħala surmast direttur tal-Banda L-Unjoni u fl-okkażjoni tal-*Coronation* tar-Re Ġorġ VI u r-Reġina Eliżabetta, il-Banda L-Unjoni esegwiet programm mużikali fil-pjazza tar-raħal taħt it-tmexxija tas-Surmast Casapinta. Il-banda ħadet sehem ukoll fl-isfilata tal-baned ġewwa l-Belt Valletta.
- Wara ftit xhur ta' tmexxija, fl-**1938**, Mro. G. Casapinta rreżenja mill-kariga ta' surmast direttur minħabba impenji oħra. Minflok inħatar Mro. Charles Xuereb bħala direttur tal-Filarmonika L-Unjoni.

- Fl-**1939**, waqt programm mużikali fl-okkażjoni tal-festa ta' San Lawrenz tal-Birgu, il-Banda L-Unjoni daqqet mużika Ingliża, li kienet xi ħaġa ġdida għal pajjiżna.
- Fl-**1942**, il-każin tal-Banda L-Unjoni ġie mġarraf waqt attakk mill-ajru.
- Wara li spiċċat il-gwerra, u l-Banda L-Unjoni reġgħet bdiet tiffunzjona bħal qabel, inħatar Mro. Joseph Abela Scolaro bħala surmast direttur fl-**1945**.
- Sena wara, jiġifieri fl-**1946**, indaqq għall-ewwel darba l-innu reliġjuż *Vexilla Regis* tas-Surmast J. Abela Scolaro. Fl-**1948**, is-Surmast Scolaro kiteb l-innu lill-Banda L-Unjoni, fuq versi ta' Dun Frans Camilleri. Dan l-innu għadu jindaqq sal-ġurnata tal-lum, u jqajjem ferħ kbir hekk kif jinstemgħu l-ewwel noti ferrieħa tiegħu.
- Fl-**1948**, il-każin reġa' nbena mill-ġdid, u tbierek fil-5 ta' Settembru ta' l-istess sena.
- Fl-**1949** is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ġiet ikkonsagrata lill-Qalb ta' Ġesù mill-E.T. Mons. E. Galea Isqof ta' Tralles.
- Fl-okkażjoni tal-Prima Messa tal-Qaddis novell Rev. Dun Giuseppe Micallef, il-Banda L-Unjoni għamlet marċ f'Awissu ta' l-**1952**.
- Fl-**1953** iżżanżan l-ewwel planċier tal-banda. Dan kien inawgurat mill-Prim Ministru Dr. G. Borg Olivier. Il-Banda L-Unjoni esegwiet programm mill-aqwa taħt it-tmexxija tas-Surmast Abela Scolaro.
- Fl-**1954** il-Banda L-Unjoni tellgħet programm vokali u strumentali bis-sehem tal-*Malta*




***Il-banda fl-1920***

*Operetic Chorus Society* taħt it-tmexxija tal-bravu surmast tagħha Mro. J. Abela Scolaro. F'din l-istess sena żżanżan innu ġdid ad unur il-Madonna taċ-Ċintura. Dan huwa xogħol tas-Surmast J. Abela Scolaro fuq versi ta' Dun Frans Camilleri tal-Ħamrun.

- Fl-**1955** is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni fakkret il-75 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Għal din l-okkażjoni saret konsagrazzjoni oħra tas-Soċjetà minn Mons. Arċisqof M. Gonzi u quddiesa solenni *Da Requiem* diretta mis-Surmast J. Abela Scolaro. F'dawn il-festi ma setax jonqos li tieħu sehem attiv ukoll il-Banda L-Unjoni (ara artiklu f'paġna 63).
- Fl-okkażjoni tal-pussess tal-kappillan il-ġdid Dun Innoċenz Borg, fl-**1956**, il-Banda L-Unjoni akkumpanjatu b'marċ mat-toroq tar-raħal.
- F'Ottubru ta' l-**1958**, il-Banda L-Unjoni esegwiet programm funebri għall-mewt tal-Papa Piju XII.
- Fl-**1960**, il-Banda L-Unjoni ħadet sehem fil-festi li saru ġewwa Ħal Safi fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji ta' San Pawl.
- Fl-**1964** ġie ffirmat ftehim bejn iż-żewġ każini tal-banda ta' Ħal Luqa dwar il-festa titulari ta' Sant'Andrija.
- Fl-**1965** inħarġu l-permessi meħtieġa sabiex tinbena l-kamra tan-nar. Din tbierket mill-Kappillan Rev. Dun Innoċenz Borg.
- Ġie approvat statut ġdid mill-president u l-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni fl-**1966**.
- Nhar l-14 ta' Novembru ta' l-**1967**, il-Banda L-Unjoni daqqet marċi brijużi fejn l-ajruport meta waslet ir-Reġina Elizabetta II.
- Il-planċier artistiku li jintrama fil-festa titulari ġie mżanżan fl-**1969**. Dan kien inawgurat mill-Gvernatur Ġenerali Sir Maurice Dorman u mbierek minn Mons. Isqof E. Galea.
- Fl-**1973** ġie rregalat standard bl-arma ta' Sant'Andrija lis-Soċjetà Mużikali San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar. Dan l-istandard ġie mbierek minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi.
  F'din l-istess sena, il-Banda L-Unjoni għamlet l-ewwel marċ ta' filgħodu nhar il-festa ta' Sant'Andrija. Dan mill-ewwel kiseb popolarità kbira kemm f'Ħal Luqa u anke barra mir-raħal.



***Il-banda fl-1921***

- Fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' l-**1979** il-Banda L-Unjoni daqqet għall-ewwel darba quddiem il-Vara l-Kbira, u mhux iktar wieqfa fil-pjazza.

- Hekk kif għaddiet il-Ġimgħa Mqaddsa ta' l-**1979**, ġriet l-aħbar li s-Surmast J. Abela Scolaro kien ħalliena. Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ħasditha ferm din l-aħbar. Għalhekk kien xieraq li l-istess banda li tant kien iħobb Abela Scolaro tagħtih l-aħħar tislima b'daqq ta' marċi funebri fir-raħal li huwa tant rabat ma' qalbu. Is-Surmast J. Abela Scolaro F.L.C.M. kien ilu 34 sena direttur ta' l-istess banda; l-aktar banda li dam magħha. Wara l-mewt ħesrem tas-Surmast J. Abela Scolaro, inħatar is-Surmast preżenti Prof. Charles Zammit bħala direttur tal-Banda L-Unjoni.

- Fl-**1980** is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ċċelebrat l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tagħha. F'Awissu ta' l-istess sena ġie mżejjen ir-raħal kollu u ġew mistiedna diversi baned. Il-Banda L-Unjoni ħadet sehem mill-aktar attiv, u fosthom esegwiet programm mużikali fil-pjazza taħt it-tmexxija tas-Surmast Zammit. Għal dan il-programm kienu mistiedna l-Arċisqof ta' Malta Giuseppe Mercieca u l-President tar-Repubblika Dr. Anton Buttigiet LL.D. (Ara artiklu f'paġna 185.)

- Fl-**1983** sar l-ewwel kunċert sinfoniku annwali b'riżq id-Dar tal-Providenza tas-Siġġiewi.

- L-istatwa artistika ta' Sant'Andrija li tintrama fuq il-pedestall maestuż fil-festa titulari ġiet imżanżna fl-**1985**. Din hi xogħol mill-isbaħ tal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.

- Fl-**1990** ġie ffirmat il-kuntratt tax-xiri tal-każin li s-Soċjetà kienet ilha fih sa mill-1912.

- Fl-**1992** sar korteo bil-parteċipazzjoni taż-żewġ baned ta' Ħal Luqa fejn sar il-kxif tal-monument tal-gwerra li jinsab fi Triq Sant'Andrija.

- Il-ħolma li xi darba l-Banda L-Unjoni ddoqq barra minn xtutna seħħet f'Novembru ta' l-**1997**, fejn is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ġiet mistiedna tieħu sehem fil-festi ad unur



*Il-banda fl-1923*

Sant'Andrija ġewwa Amalfi, l-Italja. F'din il-Belt maritima wieħed isib Katidral mill-isbaħ iddedikat lil Sant'Andrija Appostlu. Il-Banda L-Unjoni daqqet ukoll fi Scala, u anke quddiem il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Vatikan.

- Fl-**2001**, il-kunċert sinfoniku ġie ppreżentat għall-ewwel darba fit-Teatru San Andrea ġewwa Ħal Luqa stess (illum Teatru Metanoia). Fit-18 ta' Awissu ta' l-istess sena l-Banda L-Unjoni akkumpanjat lill-qassis novell Dun Albert Schembri fl-okkażjoni tal-*Prima Messa* tiegħu.

- Is-sena **2003** żgur li mhux se tintesa malajr, peress li tħabbret l-aħbar tal-mewt tal-wisq maħbub Kappillan Dun Joe Camilleri. Il-Banda L-Unjoni ħadet sehem f'korteo funebri minn tarf ir-raħal sal-Knisja Parrokkjali, fejn saret quddiesa *presente cadavere*. Kien ġest tassew sabiħ li wara l-mewt ta' Dun Joe Camilleri, missieru stess irregala pjaneta li kien juża ibnu stess lis-Soċjetà



*Il-banda fl-1924*



*Il-banda fl-1948*


Ritratt tal-Banda "L-UNJONI" f'għeluq il-100 sena mit-twaqqif tagħha 1880-1980

*Il-banda fl-1980*



*Il-banda fl-1990*

Filarmonika L-Unjoni. F'Ġunju ta' l-istess sena tħabbret l-aħbar li l-festa titulari f'ġieħ Sant'Andrija ġiet imħassra b'rispett tal-kappillan li kien għadu kif ħalliena. Ir-raħal kollu kien jinsab iddispjaċut, iżda żgur li kienet l-aħjar deċiżjoni fl-interess ta' kulħadd.

- F'Ottubru ta' l-**2003**, Dun Karm Camilleri ħa l-pussess bħala Kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Luqa. Il-Banda L-Unjoni akkumpanjatu b'daqq ta' marċi brijużi mat-toroq tar-raħal.
- F'April ta' l-**2004**, is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni fakkret għeluq il-25 sena mill-mewt tas-Surmast J. Abela Scolaro. Għal din l-okkażjoni ġiet imtellgħa Akkademja Mużiko-Letterarja fil-knisja parrokkjali fejn indaqqu l-innu sagru *Vexilla Regis* u l-*Hymnus in Divum Andraeam Apostolum* ta' J. Abela Scolaro, kif ukoll xi mużika oħra tas-Surmast Prof. Ch. Zammit.
- Fl-**2005** is-Soċjetà tagħna qed tfakkar il-125 sena mit-twaqqif tagħha. Illum il-ġurnata s-Soċjetà tagħna hi magħmula mhux biss mill-banda, però minn diversi kummissjonijiet li lkoll naħdmu sabiex inħallu l-istess Soċjetà aħjar milli sibnieha mingħand l-antenati tagħna.

Il-punti storiċi msemmija f'dan l-artiklu juru li s-Soċjetà tagħna dejjem kienet attiva f'dak kollu li kien jiġri kemm fuq bażi lokali, kif ukoll fuq bażi nazzjonali. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-għażla tal-motto ***'Leali dejjem lejn il-iskop li għalih twaqqaf'*** hu żgur xieraq għall-ewwel Soċjetà f'Ħal Luqa.



***Il-banda fl-1997***